

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-23 ta' Settembru 2009 — Neophytou vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-22/05 RENV) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Rinviju quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wara annullament — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Bord tal-Għażla — Nomina)

(2009/C 282/118)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Neophytos Neophytou (Itzig, il-Lussemburgu) (rappreżentant: S. A. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

### Suġġett

L-annullament tad-deċizzjoni tal-Bord tal-Għażla tal-Kompetizzjoni EPSO/A/1/03, għall-ħolqien ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti amministraturi (A 8) ta' nazzjonalità Ċiprijotta, li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riżerva tal-imsemmija kompetizzjoni — Kawża T-43/07 P rinviata wara appell.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) N. Neophytou għandu jbati nofs l-ispejjeż tiegħu konnessi mal-proċeduri quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u l-Qorti tal-Prim'Istanza.

(3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbat, minbarra l-ispejjeż kollha tagħha konnessi mal-proċeduri quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u l-Qorti tal-Prim'Istanza, nofs l-ispejjeż ta' N. Neophytou konnessi mal-imsemmija proċeduri.

<sup>(1)</sup> ĠU C 155, 25.6.2005, p. 29

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Lulju 2009 — Lebedef vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-39/08) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Leave annwali — Attivitàjiet ta' rappreżentant tal-persunal — Sekondar part-time għall-finijiet ta' rappreżentanza sindakali — Attivitàjiet ta' rappreżentanza statutorja — Assenza mhux awtorizzata — Tnaqqis mid-dritt għal leave annwali — Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal)

(2009/C 282/119)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Giorgio Lebedef (Senningerberg, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Frabetti, avocat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Berscheid u K. Herrmann, aġenti)

### Suġġett

Annullament ta' diversi deċiżjonijiet dwar it-tnaqqis ta' 32 ġurnata mid-dritt għal-leave tar-rikorrent għas-sena 2007.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) G. Lebedef għandu jbati l-ispejjeż kollha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 158 21.06.2008, p. 27.